26 ta' Gunju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Anthony Micallef

**Tixrid ta' Notizzji Foloz — Gurnalista — "Parliamentary Debates" — Interpellanza — Privileġġ — Mala Fede — Prova — Dmirijiet tal-Pulizija — Art. 13 tal-Kap. 117**

*Il-publikazzjoni ta' interpellanza parlamentari debitament approvata minn li Speaker tikkostitwixxi rapport privileġġjat, stante li jittratta minn parti mil-"business" tal-Parlament.*

*Imma diffiċilment jiftiehem kif jista' jiġi nvokat dan il-mezz ta' difiża meta fil-publikazzjoni ma hemm assolutament ebda ndikazzjoni li si tratta ta' interpellanza parlamentari. Altru li l-fatti divulgati bl-istampa jinqraw bħala kontenut ta' interpellanza, u altru li jinqraw bħala notizzja ta' ġurnal bla ebda ndikazzjoni tal-interpellanza. Għax min jaqra interpellanza jaf li għad irid ikun hemm ir-risposta għaliha, u li f'dik ir-risposta jista' jkun hemm negazzjoni tal-fatti, jew spjegazzjoni tagħhom b'mod li jiġu jifthemu xort'oħra, u per konsegwenza l-qarrej iħalli l-ġudizzju tiegħu "in sospeso" sar-risposta; imma meta jaqra l-fatti bħala notizzja ta' ġurnal, il-qarrej mhuwiex imqiegħed in gwardja li si tratta ta' sempliċi rikjesta għall-informazzjoni, u għalhekk jagħti lil dik in-notizzja l-valur li ġeneralment jingħata lin-notizzji fil-ġurnali.*

*Għaldaqstant, il-ġurnalista li jagħżel li ma jsemmix bl-ebda mod, la direttament u lanqas indirettament, li l-materja tan-notizzja kienet ta' "question" fil-Parlament, hu prekluż milli jinvoka l-privileġġ; għaliex ċertament ma jistgħax ikun "bona fide report" ta' proċeduri parlamentari dak li lanqas biss juri li huwa parti ta' dawk il-proċeduri.*

*Taħt il-Liġi Maltija, biex ikun hemm ir-reat ta' tixrid ta' notizzji foloz f'gurnal, li jistgħu jallarmaw l-opinjoni publika jew jiddisturbaw il-bon ordni jew il-kwiet publiku, jeħtieġ li huwa jkun xerred dawk in-notizzji foloz dolożament; imma l-element intenzjonali doluż huwa preżunt "juris tantum"; u l-ġurnalista, b'din il-preżunzjoni kontra tiegħu "ab initio", hemm bżonn li jabbatti dik il-preżunzjoni billi juri li hu ħa l-passi meħtieġa biex jikkontrolla l-verità. Jekk ma jirnexxix f'din il-prova, l-intenzjoni doluża tiegħu hija pruvata.*

*L-element tal-verità fil-każ ta' imputazzjoni simili għandu jippriméggja. Il-Qorti bilfors għandha tindaga jekk in-notizzja hijiex vera jew le; għax jekk hi vera, l-imputazzjoni hija "hic et nunc" eliminata, jekk hi falza, dan mhux biżżejjed, għax jeħtieġ dejjem li l-Qorti tara jekk in-notizzja ġietx imxandra dolożament, u jekk kienetx tali li tista' tallarma l-opinjoni publika jew tiddisturba l-bon ordni jew il-kwiet publiku.*

*Il-fatt li kienet sejra ssir interpellanza fil-Parlament dwar il-kontenut tan-notizzja divulgata mhux biżżejjed bħala verifika tal-verità ta' dik in-notizzja, għax l-istess notizzja hi bażata fuq il-kontenut ta' interpellanza li għad trid issir. L-anqas il-fatt li l-ġurnalista sar jaf li kellha ssir dik l-interpellanza minn membru tal-Parlament, li qal lill-ġurnalista li huwa kien ottjena dik l-informazzjoni minn membru tal-Pulizija li baqa' anonimu, ma jirrendi raġjonevoli l-verifika tal-ġurnalista; għax il-ġurnalista b'hekk ikun qiegħed jaffida ruħu, l-ewwelnett, fuq dikjarazzjoni ta' membru tal-Parlament li kienet biss dikjarazzjoni "per relatum"; u jkun qiegħed jaffida ruħu fuq l-veraċità ta' dak l-informatur anonimu, bla ebda kontroll ta' xejn.*

*Kwantu għar-rekiżit tal-allarm, dan hu biżżejjed li jkun potenzjali. Jekk ikun hemm attwalment disturb tal-opinjoni u l-kwiet tal-publiku bħala effett tan-notizja, dan jikkostitwixxi aggravanti tar-reat. Il-Qorti għandha tara jekk in-notizzja "de qua", dak il-mument tal-publikazzjoni tagħha, kellhiex "fiha nnfisha" l-attitudini li jiġri l-allarm; u fil-konsiderazzjoni ta' dan l-element il-ġudikant għandu maġġorment iħares lejn iċ-ċirkustanzi lokali fi żmien determinat, għaliex minn dawn iċ-ċirkustanzi jiddependi jekk potenzjalment hemmx l-"apprehension" ta' "a breach of the peace".*

*Wieħed mid-dmirijiet tal-Pulizija hu li tgħin lid-difiża; u għalhekk il-Pulizija għandha tagħti lill-imputat il-partikularitajiet li jkollha disponibbli dwar xi xhieda li l-imputat ikun irid iġib għad-difiża tiegħu, u għandha tagħtih kull assistenza li tista' biex huwa jiddefendi ruħu. Għax l-iskop finali hu dejjem li ssir ġustizzja, u biex issir ġustizzja jeħtieġ ukoll id-difiża l-aktar ampja tal-imputat.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra Anthony Micallef, talli f'dawn il-Gżejjer, fis-16 ta' Mejju 1957, bħala l-editur u l-istampatur tal-gazzetta "The Bulletin", per mezz ta' Nru. 8122 (Daily No. 1363) tal-istess gazzetta, li ġġib id-data "Thursday, May 16, 1957", fl-ewwel paġina, fir-raba' kolonna, b'tipi prominenti, taħt it-titolu "Attempt on Prime Minister's Life", dolożament xerred aħbarijiet foloz li jistgħu jallarmaw l-opinjoni publika, jew jiddisturbaw il-bwon ordni jew il-kwiet publiku;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-20 ta' Mejju 1957, li biha rrespinġiet l-eċċezzjoni preliminari li n-notizzja publikata tikkostitwixxi rapport privileġġjat, u sabet lill-imputat ħati talli, f'dawn il-Gżejjer, fis-16 ta' Mejju 1957, bħala l-editur u l-istampatur tal-gazzetta "The Bulletin", per mezz tan-Numru 8122 (Daily No. 1363) tal-istess gazzetta, li ġġib id-data "Thursday, May 16, 1957", fl-ewwel paġina, fir-raba' kolonna, b'tipi prominenti, taħt it-titolu "Attempt on Prime Minister's Life", dolożament xerred aħbarijiet foloz li jistgħu jallarmaw l-opinjoni publika, jew jiddisturbaw il-bwon ordni jew il-kwiet publiku, u kkundannat lill-imputat għall-ħlas ta' multa ta' £10;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Din il-kawża oriġinat minn notizzja li dehret fin-numru tal-gurnal "The Bulletin" tas-16 ta' Mejju 1957, li tiegħu editur u stampatur huwa, "ex admissis", l-appellant — notizzja taħt it-titolu "Attempt on Prime Minister's Life", f'dawn il-kliem:— "It is strongly alleged that a contemplated attempt on the Prime Minister's life occurred within the last fortnight. It is alleged that a certain S. Bugeja, whose land was expropriated in connection with a street that is being projected in Tarxien, was found within the precincts of the Prime Minister's residence. When searched he was found in possession of a large knife. After interrogation lasting several days, Bugeja was released". It is said that a recent transfer of a Police from Tarxien district was not entirely connected (sic) with the case. Meanwhile the reports also state that the usual two policemen situated near the Prime Minister's residence have been increased";

L-imputazzjoni hi miġjuba taħt l-art. 13 tal-Kap. 117 Ediz. Riv., li fil-parti tiegħu rilevanti għal dan il-każ jgħid hekk:— "13. (1) Whosoever shall maliciously, by the means mentioned in section 2, spread false news which is likely to alarm public opinion, or disturb the public good order or the public peace, shall, on conviction etc...... (2) For the purposes of this section, malice shall be presumed in default of evidence showing that, prior to publication, the accused took reasonable measures to verify the truth of the news";

Issa, irriżulta li wieħed mill-membri tal-Parlament, l-Onorevoli Jones, fil-15 ta' Mejju 1957, vwoldieri ġurnata qabel l-istampat fuq imsemmi, kien ippreżenta interpellanza, riportata in kopja, "verbatim", fol. 11 ta' dan l-inkartament, fejn l-interpellant kien qiegħed jistaqsi lill-Prim Ministru, "inter alia", jekk ċertu Salvu Bugeja, li kien qabeż iċ-ċint u ġie fl-għalqa tar-residenza tal-Prim Ministru, kienx ġie arrestat u miżmum sebgħa tijiem l-Għassa ta' Ħal Tarxien, jekk kienetx instabet sikkina kbira fuqu u

ta' liema daqs kienet, x'kienet il-promessa li għamillu l-Gvern meta l-għalqa tiegħu ġiet meħuda biex jitkompla tinfetaħ it-triq, u jekk, peress li qabel l-inċident ir-residenza tal-Prim Ministru kienet imħarsa bil-lejl minn Pulizija pajżan u ieħor bl-uniformi, u peress li dawn ġew irduppjati wara l-inċident, għandhomx jiġu kunsidrati miżuri oħra ta' salvagwardja tal-persuna u tal-familja tal-Prim Ministru. Dawn huma l-punti saljenti tal-interpellanza li huma rilevanti għall-każ;

In bażi għal din l-interpellanza, id-difiża elevat l-eċċezzjoni, verbalizzata fol. 9, f'dawn it-termini:— "Li n-notizzja tikkostitwixxi rapport privileġġjat, stante li jittratta minn parti mill-business tal-Parlament, debitament approvata minn li Speaker". Għalhekk, qabel xejn, jeħtieġ li tiġi eżaminata din il-preġudizzjali, li, jekk sostnuta, tiskalza "a planta pedis" l-imputazzjoni;

Verament, id-difiża ma ċċitatx dispożizzjoni speċifika tal-liġi dwar l-eċċezzjoni tagħha; iżda preżumibilment qegħedha tinvoka l-inċiż (d) tal-art. 36 Kap. 117. "Stricto jure", dan jirriferixxi għall-publikazzjoni ta' reżokont bonafidi ta' "dibattimenti" tal-Parlament, u mhux ta' "proċeduri" ("proceedings") in ġenerali. Iżda forsi, bi spiritu ta' liberalità, il-kelma "dibattimenti" tista' tiftiehem bħala komprensiva ta' "proċeduri" in ġenerali (kif inhu l-każ fis-sistema ingliż, fejn il-kelma użata hija "proceedings"). B'din l-interpretazzjoni ma hemmx dubju li interpellanza, approvata minn li Speaker biex tiġi mqgħedha fuq in-"Notice Paper", hija parti mill-proċeduri parlamentari;

L-Anson, Laws and Customs of the Constitution, Vol. I, Parliament, p. 255, jgħid hekk:— "Questions come next. They are an important feature of our parliamentary procedure". U Kenneth Mackenzie, fil-ktieb tiegħu "The English Parliament", sejjaħ il-"questions" bħala "one of the private members' most treasured parliamentary weapons";

Fil-każ in ispeċje, l-interpellanza ġiet approvata minn li Speaker dak inhar li ġiet preżentata, ċjoè fil-15 ta' Mejju 1957. Imma l-approvazzjoni ġiet ritirata l-għada, fis-16 ta' Mejju 1957. Id-deputat Jones, però, ġie avżat li kienet ritirata l-approvazzjoni fiż-17 ta' Mejju 1957. Għalhekk, meta dak id-deputat kellem lit-tifel tal-imputat, ma jistgħax ikun li nfurmah bid-diżapprovazzjoni tal-interpellanza; għax kien għadu ma jafx biha. Jirriżulta wkoll li, meta interpellanza approvata titqiegħed fuq in-"Notice Paper", kopja tintbagħat lill-membru interpellant, u mbagħad lill-istampa, b'mod li tista' ssir il-publikazzjoni tal-interpellanza qabel ma fil-fatt dik l-interpellanza ssir fil-Parlament;

In bażi għal daqshekk l-appellant qiegħed jinvoka l-privileġġ;

Issa, diffiċilment jiftiehem kif jista' jiġi nvokat dan il-mezz ta' difiża, meta fl-artikolett in diżamina ma hemm, assolutament ebda indikazzjoni li si tratta ta' interpellanza parlamentari. Altru li dawk il-fatti jinqraw bħala kontenut ta' interpellanza, u altru li jinqraw bħala notizzja ta' ġurnal bla ebda indikazzjoni tal-interpellanza. Min jaqra interpellanza jaf li għad irid ikun hemm ir-risposta għaliha, u li f'dik ir-risposta jista' jkun hemm negazzjoni tal-fatti, jew spjegazzjoni tagħhom b'mod li jiġu jifthemu xort'oħra, u per konsegwenza l-qarrej iħalli l-ġudizzju tiegħu "in sospeso" sar-risposta. Imma meta jaqra l-fatti bħala notizzja ta' ġurnal, il-qarrej ma hux imqiegħed in gwardja li si tratta ta' sempliċi rikjesta għall-informazzjoni, u għalhekk jagħti lil dik in-notizzja l-valur li ġeneralment jingħata lin-notizzji fil-ġurnali. Fi kliem ieħor, l-appellant, ġa ladarba għażel li ma jsemmix bl-ebda mod, la direttament u lanqas indirettament, li l-materja tan-notizzja kienet materja ta' "question" fil-Parlament, hu prekluż milli jinvoka l-privileġġ; għaliex ċertament ma jistgħax ikun "bona fide report" ta' proċeduri parlamentari dak li lanqas biss juri li hu rapport ta' dawk il-proċeduri. Il-preġudizzjali, għalhekk, ma tirnexxix;

Fil-meritu;

Id-difiża fil-meritu hi li jonqos l-element intenzjonali tar-reat, għaliex l-imputat għamel li seta' biex jivverifika l-fatti qabel ma ppublika l-artikolett;

Il-kwistjoni tal-prevenzjoni u l-punizzjoni ta' notizzji foloz fl-istampa kienet minn dejjem "vexata quaestio". Fl-1951 il-materja giet studjata f'serje ta' publikazzjonijiet tal-Unesco minn Fernand Terrou u Lucien Solal fil-ktieb "Legislation for Press, Film and Radio"; u, tra altro, ingħad hekk:— "The harmfulness of false news is not in doubt; but it is not an easy task to prevent or punish its publication. The journalist has to fulfil two all-important, yet contradictory, obligations. First, he must give information to the public speedily, making known the news the moment it reaches him. Working under pressure and in haste, he is often unable to verify the truth, or even the source of the information he receives. Secondly, he must publish only what is true. If he puts truth before speed, and does not publish a particular item until he is sure of its accuracy, he may sometimes lose several days, and will then not be fulfilling his duty of informing the public. If he publishes all news as when it is received, he will of necessity make many mistakes";

Ikomplu jgħidu dawn l-awturi:— "There are three different methods by which the law seeks to cope with this difficult problem. The first is to leave false news unpunished, so long as it does not constitute at the same time another offence, such as libel, falsification of public or private accounts, forgery, etc...... A second group penalises the publication of false news if done maliciously, and if actual harm results...... In a third group, the law seeks to ensure the prevention of the offence by no longer making bad faith a criterion. If the false news is such as may gravely disturb the peace, its publication is liable to penalty, the bad faith of the person who published it being presumed";

Għandu jingħad li taħt l-ewwel sistema l-idea mhix affattu dik li jiġu tollerati jew kondonati notizzji foloz, imma li wieħed jaffida ruħu għall-koxjenza tal-ġurnalista, li, kif qal Paul Scott Mowrer fl-artikolu "The Press and the Public", pubblikat fil-ktieb "The Educational Role of the Press", li ġie stampat fl-1934 mill-Istitut Internazzjonali ta' Ko-operazzjoni Intellettwali tal-League of Nations" (p. 50):— "The conscientious journalist assumes that it is his duty, first, to ascertain the facts, no matter how difficult that may be, and, second, to present these facts to the public honestly and fairly";

Il-Liġi Maltija segwiet pjuttost it-tielet sistema. Milli jidher, id-dispożizzjonijiet relativi tal-Liġi Maltija huma oriġinali, għalkemm xi ħaġa ftit, iżda mhux tant, simili tinstab fil-leġislazzjoni franċiża tal-1944, emendanti dik illiġi tal-1881, u forsi anki lontanament fl-art. 656 tal-Kodiċi Taljan. Ebda ajjut ma jista' jiġi mill-Liġi Ingliża, fejn ma hemm ebda dispożizzjoni "ad hoc". Antikament kien hemm liġijiet imsejħa "Scandalum Magnatum" fl-Ingliterra, firrenji ta' Edward I u ta' Richard II, li kienu jelevaw għal delitt "to tell or publish false news or tales of the great officers of the realm" (ara kommenti fit-test antik ta' Folkard, Slander and Libel, p. 142); iżda dawn ġew aboliti bil-liġijiet fiż-żmien tar-Reġina Vittorja — 50 and 51, C. 59 (ara Odgers, p. 419);

L-istat tal-Liġi Maltija hu dan: Biex ikun hemm ir-reat taħt l-art. 13 (dak askritt lill-appellant odjern), jeħtieġ li l-imputat ikun xerred "dolożament" (dejjem per mezz ta' stampati) aħbarijiet "foloz" u li "jistgħu" jallarmaw l-opinjoni publika, jew jiddisturbaw il-bon ordni jew il-kwiet publiku. Il-Liġi Maltija hi rigoruża, fis-sens li mhux biss tinverti l-prova tad-dolo, u, kuntrarjament għar-regola ġenerali, minflok ma tixħet fuq il-Prosekuzzjoni l-oneri tal-prova tad-dolo, tippreżumieħ bi preżunzjoni "juris tantum", imma anki għaliex ma tirrikjedix, bil-kelma "dolożament", dak li soltu wieħed jintendi, ċjoè il-propożitu deliberat, l-

intenzjoni diretta għad-disseminazzjoni ta' notizzji foloz, imma tikkuntenta bin-nuqqas tal-ġurnalista li jieħu l-passi meħtieġa biex jivverifika l-verità tal-aħbar. Għalhekk, taħt il-Liġi Maltija, jekk l-imputat, li għandu kontra tiegħu "ab initio" l-preżunzjoni tad-dolo, ma jabbattix dik il-preżunzjoni billi juri li ħa l-passi meħtieġa biex jikkontrolla l-verità, l-intenzjoni doluża tkun pruvata;

Kien forsi għalhekk, ċjoè minħabba din l-interpretazzjoni leġislativa tad-dolo fis-sens, mhux aktar ta' propożitu deliberat, imma ta' nuqqas ta' verifika, li d-difensur tal-imputat osserva li donnu ma jidherx li hemm distinzjoni netta bejn il-każ tal-art. 13 u dak tal-art. 14, fejn hu kontemplat ir-reat ta' disseminazzjoni ta' notizzji foloz b'nuqqas ta' diliġenza ordinarja. Verament, il-linja ta' demarkazzjoni, minħabba l-portata tad-dolo kif spjegata fl-art. 13, hi ferm sottili, u forsi l-leġislatur malti kien fi ħsiebu l-kliem tal-Guardasigilli Alfredo Rocco meta dan, għap-propożitu tal-art. 656 tal-Kodiċi Taljan, semma l-każ ta' "notizie ripetute e diffuse per mera imprudenza, cioè per colpa" (ara Comm. Teor. Prat, Cod. Pen. ta' Saltelli e Di Falco — Vol. II, 1163); iżda dak l-artikolu mhux limitat għal stampati. Però, it-tieni parti tal-art. 14 tal-Liġi Maltija, fejn jingħad li l-Qorti tista' tikkostrinġi lill-imputat, taħt dak l-artikolu, li jiżvela l-oriġini tal-informazzjoni tiegħu, aktarx tikkonferma li dik id-dispożizzjoni tikkolpixxi lil min irrepeta notizzja falza "sic et simpliciter", b'sempliċi imprudenza, u mhux lil min, anki talvolta wara li jkun attinġa informazzjonijiet, ikun, b'inizjativa proprja u bħala fatt ġdid, inkorpora dawk l-informazzjonijiet f'forma ta' notizzja;

Id-difiża wkoll osservat, għap-propożitu tal-artikolu tal-liġi li taħtu hu miġjub dan il-każ, li l-element tal-verità tal-istampat ma għandux jippreġġja. Il-komment ġust dwar din l-osservazzjoni jidher li għandu jkun dan: bilfors il-Qorti għandha tibda biex tindaga jekk in-notizzja hijiex vera jew falza, għaliex, jekk hi vera, l-imputazzjoni hi "hic et nunc" eliminata; jekk hi falza, allura dan ċertament ma

hux biżżejjed, għaliex jeħtieġ dejjem li l-Qorti tara jekk in-notizzja ġietx imxerrda malizzjożament, u jekk kienetx tali li tista' tallarma l-opinjoni publika, jew tiddisturba l-opinjoni publika jew il-kwiet publiku;

Ikkunsidrat;

Ma jistax jingħad li l-appellant irnexxielu jipprova li n-notizzja in kwistjoni hi vera; u għalhekk ir-rekwiżit tal-falsità tan-notizzja għandu jiġi ritenut li jissussisti;

Kif ingħad, il-liġi tippreżumi li l-imputat aġixxa dolożament jekk hu ma jippruvax li hu ħa "reasonable measures to verify the truth of the news";

Issa, għap-propożitu, l-imputat jgħid li hu ħa passi raġjonevoli, għaliex ibbaża ruħu fuq interpellanza tal-Onor. Jones u fuq dak li qallu dan id-deputat. Fix-xhieda tiegħu, l-Onor. Jones qal hekk:— "Fis-16 ta' Mejju 1957, meta kellimt lil bin l-imputat, Lino Micallef, dan staqsieni jekk jien kontx għamilt dik l-interpellanza; jiena rrispondejtu affermativament, u għidtlu li kull ma kont nista' ngħidlu kien li l-informazzjoni kienu tawhieli l-Pulizija, ċjoè xi membru tal-Pulizija......" Aktar tard, quddiem din il-Qorti, l-istess xhud qal:— "Ma semmejtlux ismijiet (tal-Pulizija)". Għalhekk il-pont hu jekk b'daqshekk l-imputat jistax jingħad li ħa passi raġjonevoli biex jikkontrolla l-verità tan-notizzja, li hu in segwitu ta fil-ġurnal tiegħu;

Mela, l-Onor. Jones ikkonfermalu li kien għamel l-interpellanza, u li l-materjal biex jagħmilha kien ġiebu minn xi membru tal-Pulizija;

Il-fatt tal-interpellanza ma jistax ċertament jingħad li hu "reasonable measure to verify the truth of the news". Per sè, l-interpellanza hija ntiża ħija stess biex tivverifika ċerti fatti, kif kienet din; u ma hux, għalhekk, loġiku li jingħad li hemm verifika raġjonevoli tal-verità, meta dik il-

verifika hi bażata fuq interpellanza, li hija stess intiża għall-verifika ta' dawk il-fatti. Il-fatt stess li tiġi pubblikata notizzja bażata fuq il-kontenut ta' interpellanza li għad trid issir, u għad jista' jkollha risposta li tiddistruġġi jew timmodifika l-kontenut tagħha, jeskludi r-raġjonevolezza tal-verifika:

L-allegazzjoni tal-Onor. Jones magħmula lil bin l-appellant, fis-sens li hu kien ġieb l-informazzjoni kontenuta fl-interpellanza minn xi membru tal-Pulizija, li lanqas semmielu ismu, lanqas hi biżżejjed biex tirrendi l-verifika raġjonevoli. Infatti, b'hekk l-appellant kien qiegħed jaffida ruħu, l-ewwelnett, fuq dikjarazzjoni tal-Onor. Jones, li kienet biss dikjarazzjoni "per relatum", u kien qiegħed jaffida ruħu fuq il-veraċità ta' dan l-informatur anonimu, bla ebda kontroll ta' xejn;

Lanqas għandu jintnesa li hawn Malta pajjiż żgħir, fejn forsi l-verifika tan-notizzja tista' ssir aktar faċilment milli f'ċentri kbar, u aktar rapidament. Ma jistax jiġi negat li kien hemm mezzi oħra ta' kontroll tan-notizzja, li setgħu ġew użufruwiti;

Hu anki ta' importanza li l-appellant mhux talli ebda aċċenn għall-interpellanza ma għamel fin-notizzja nkriminata, imma kkuluriha. Il-"head-line" (li d-dottrina estera u lokali dejjem ikkunsidrat bħala parti 'ntegrali tal-artikolu — ara Odgers, p. 26, 98, 159, 151) hi kategorika: "Attempt on Prime Minister's Life"; ma hi bl-ebda mod mitigata b'xi kelma bħal "alleged" jew "rumoured". Il-qarrej, meta jaqra l-artikolett, ikun ġa ħa l-ewwel impressjoni b'dak it-titolu. Fl-artikolett hemm "it is strongly alleged"; u l-kelma "strongly", għalkemm forsi lingwistikament mhix proprja, tekwivali però għal "reliably", jew "persistently", b'mod li l-allegazzjoni tkun aktar akkreditata mill-qarrej;

Hu anki ta' min josserva li fl-interpellanza tal-Onor. Jones ma jissemmiex, bħala fatt prinċipali, attentat għall-

ħajja tal-Prim Ministru, u hemm biss aċċenn vag għas-sikurezza futura tiegħu personali u tal-familja tiegħu fl-aħħar paragrafu, mentri fin-notizzja, kif pubblikata, in-nota dominanti hi l-attentat; u d-dettalji jservu biex jakkreditaw in-notizzja ta' dak l-attentat;

Taħt iċ-ċirkustanzi, konsegwentement, ma jistax jingħad li l-appellant "took reasonable measures to verify the truth of the news";

Jibqa' l-aħħar rekwiżit, tal-allarm. Għandu jiġi notat li, kif inhi l-imputazzjoni u l-liġi li taħtha saret, hi biżżejjed il-potenzjalità tal-allarm. Infatti, jekk ikun hemm attwalment disturb, allura din iċ-ċirkustanza tikkostitwixxi aggravanti, skond il-proviso tal-ewwel subartikolu;

Dwar dan ir-rekwiżit, li joffri ċerta diffikultà, il-Qorti rriflettiet ħafna. Hemm bżonn li jiġi kemm jista' jkun apprezzat is-sens tal-kliem "likely to alarm public opinion, or disturb public good order or the public peace";

Għandu jiġi immedjatament avvertit li b'dawk il-kliem ma jistax wieħed jifhem sempliċement li bil-publikazzjoni tan-notizzja falza jkun hemm fil-kollettività tan-nies is-sens li hi perikolata s-sikurezza u t-trankwillità tagħhom. Kull reat jilledi tabilfors l-ordni publiku; u r-repressjoni tiegħu hi appuntu ntiza, minbarra għal finalitajiet oħra, sabiex fil-kollettività tan-nies tiġi ristabbilita l-opinjoni tas-sikurezza li ġiet turbata. Il-kliem fuq riportati tal-art. 13 għandhom ikollhom sens li jmur aktar l'hemm minn dan is-sens ġenerali li hu komuni għar-reati kollha;

Lanqas għandhom dawk il-kliem jifthemu fis-sens ta' dak id-dispjaċir li kull bniedem ben kreat għandu bilfors iħoss meta jisma li ħadd ieħor ġie, jew kien sejjer jiġi, assoġġettat għal attentat għall-ħajtu, għaliex dak id-dispjaċir "ut sic" hu ħaġa interna, li ma għandhiex x'taqsam mal-bon ordni publiku;

L-Imħallef sedenti jaħseb li l-effett ta' dawk il-kliem fl-art. 13 hu li l-Qorti għandha tkun persważa illi, bħala konsegwenza tan-notizzja falza, seta' kien hemm lok għal ċerta *eċċitazzjoni ta' passjonijiet, ċerta eżasperazzjoni ta'* rankuri u nklinazzjonijiet ħżiena, ċertu inċitament għall-ksur tal-liġi, jew, kif jingħad fit-testi antiki ingliżi, "occasion for discord", li minħabba f'hekk jista' jkun hemm "an apprehended breach of the peace". Dan hu s-sens ta' dawk il-kliem;

Il-Qorti ma hix impressjonata bil-prova li grupp ta' nies, fil-għaxija tal-publikazzjoni nkriminata, marru l-Auberge D'Aragon, jitolbu li jaraw il-Prim Ministru. Il-motiv tagħhom seta' kien biss dak li jaraw in-notizzja hix vera, jew li jesprimu b'dak il-mod is-simpatija tagħhom. Din ma hix, però, *prova ta' allarm jew ta' potenzjalità ta'* "a breach of the peace";

Dan l-element hu dak li l-aktar ippreokkupa l-Qorti, appuntu għax hu intanġibbli. Huwa ovvju li l-Qorti għandha tara jekk in-notizzja "de qua", dak il-mument tal-publikazzjoni tagħha, kellhiex "fiha nnifisha" *l-attitudini li* ġġib l-effett fuq indikat; u għalhekk il-Qorti għandha tipprexxindi milli tikkunsidra l-passi li talvolta ħadu l-Pulizija biex jiġu skonġurati dawk it-temuti effetti. Fil-valutazzjoni ta' dan l-element, inoltre, il-Qorti għandha tqies li l-artikolett ġie publikat in prima paġina, f'post prominenti, "in thick type" kollu kemm hu. *Kwindi kien jinqara* żgur, u mill-ewwel. U għalkemm il-"posters" (kartelluni) bil-"heading" sensazzjonali ma humiex parti mill-imputazzjoni, però, ladarba eżibiti, jistgħu jitqiesu bħala element ieħor li attira numru akbar ta' qarrejja, u hu ovvju li aktar ma jikber in-numru tal-qarrejja, aktar tista' tikber il-potenzjalita tal-effett. Ċert hu li fil-*konsiderazzjoni ta'* dak l-element il-ġudikant għandu jħares maġġjorment lejn iċ-ċirkustanzi lokali fi żmien determinat; għaliex minn dawk iċ-ċirkustanzi fiż-żmien partikulari jiddependi jekk potenzjalment hemmx l-"apprehension" ta' "a breach of the peace";

Wara li rriflettiet fuq il-każ fuq l-isfond taċ-ċirkustanzi lokali, din il-Qorti tħoss li ma tistax teskludi li n-notizzja in parola setgħet ġiebet disturb tal-ordni publiku. Il-Qorti tħoss li potenzjalment kien hemm, fiċ-ċirkustanzi tal-pajjiż, il-periklu li xi uħud li, minħabba raġuni jew oħra, ma jafux jew ma jistgħux jikkontrollaw il-passjonijiet tagħhom, setgħu kkommettew attijiet ta' vjolenza biex jivvendikaw il-fatt notizzjat, u allura oħrajn setgħu "a loro volta" jirreaġixxu għal dawk l-attijiet vjolenti, u b'dan il-mod ikun hemm disturb tal-bon ordni publiku;

Qabel ma tagħlaq din is-sentenza, il-Qorti hija fid-dover li tagħmel din l-osservazzjoni. Fit-trattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, id-difiża, pressata bl-urġenza tat-trattazzjoni, li fuqha nsistiet il-Prosekuzzjoni, talbet differiment sabiex tista' tagħmel indaġini dwar l-identità ta' Salvu Bugeja, imsemmi fil-publikazzjoni nkriminata, ħalli tipproduċieh bħala xhud. Il-Prosekuzzjoni opponiet ruħha. Il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet it-talba tad-difiża, fuq il-motiv li l-istess difiża ddikjarat li ma kellha ebda idea min kien dan Salvu Bugeja (ara verbali u digriet fol. 26 u 26 tergo). Issa, irriżulta sussegwentement (ċjoè meta d-difiża sabet u pproduċiet bħala xhud lil Salvu Bugeja, u meta, f'din l-istanza tal-appell, din il-Qorti għamlet xi mistoqsijiet lix-xhieda), li fis-16 ta' Mejju, 1957, jiġifieri jumejn qabel il-verbali u d-digriet fuq imsemmijin, kien ġie mibgħut mill-Pulizija kuntistabbli għand dan Salvu Bugeja, u li dan l-istess Bugeja kien mar għand uffiċjal tal-Pulizija biex jgħidlu li hu ma kellu ebda inċident. Intant, meta d-difiża talbet, kif fuq ingħad, rinviju biex tfittex fejn kien joqgħod dan Bugeja, il-Pulizija ma tagħthiex l-indirizz tiegħu, li hi kellha, u lanqas semmiet bl-ebda mod lill-Qorti t'Isfel li hi diġà kien kellha kuntratt ma' dan Bugeja. Ċertament, kieku dak il-ħin li d-difiża għamlet it-talba, il-Pulizija tat lid-difiża l-indirizz li kellha ta' Bugeja, u tat lill-Maġistrat l-informazzjoni fuq imsemmija, il-Maġistrat aktarx li kien jiddekreta diversament. Din il-Qorti tirrileva li, skond il-prinċipji liberali tas-sistema kriminali malti, ispirat għad-Dritt Ingliż,

hu anki wieħed mid-dmirijiet tal-Pulizija li tgħin lid-difiża għas-sempliċi raġuni illi l-iskop finali hu dejjem dak li ssir ġustizzja; u biex issir ġustizzja, jeħtieġ ukoll id-difiża l-aktar ampja tal-imputat, u l-Pulizija, li għandha għad-dispożizzjoni tagħha mezzi aktar faċili ta' investigazzjoni, hi fid-dover li tagħti lid-difiża kull assistenza. Il-pożizzjoni hi luċidament spjegata f'artikolu miktub minn Christmas Humphreys, Crim. Law Review, Dec. 1955, p. 739; u hu deżiderabbli li, f'kull każ, ikun dejjem segwit il-prinċipju hekk hemm enunċjat:— "Not only are the defence entitled to call upon the prosecution to assist them to find witnesses and bring them to Court, or even to make wide enquiry for certain evidence believed to exist, and to spend public money in the course of that enquiry, but I believe it to be the duty of the prosecuting counsel to offer that aid" — p. 740;

Bil-kliem "prosecuting counsel" dan l-awtur jintendi anki, fil-każijiet kongruwi, il-Pulizija (p. 742);

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi, fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.